

Brussell, 14 ta' Lulju 2023
(OR. en)

11834/23
ADD 1

AGRILEG 140
VETER 77
DELECT 98

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	10 ta' Lulju 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2023) 4572 final ANNEX
Suġġett:	ANNEX tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2020/689 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għas-sorveljanza, għall-programmi ta' eradikazzjoni u għall-istat ta' ħelsien mill-mard għal ċertu mard elenkat u emerġenti

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2023) 4572 final ANNEX.

Mehmuż: C(2023) 4572 final ANNEX



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 10.7.2023
C(2023) 4572 final

ANNEX

ANNEX

tar-

Regolament Delegat tal-Kummissjoni

li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2020/689 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għas-sorveljanza, għall-programmi ta' eradikazzjoni u għall-istat ta' ħelsien mill-mard għal ċertu mard elenkat u emerġenti

ANNEX

L-Annessi II u V tar-Regolament Delegat (UE) 2020/689 huma emendati kif ġej:

1. fl-Anness II, il-Parti I hija emendata kif ġej:
 - (a) l-intestatura hija sostitwita b'dan li ġej:

“PARTI I

SORVELJANZA TAL-INFLUWENZA AVJARJA FL-ANNIMALI”;

- (b) Fit-Taqsima 1, il-punt 1 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“1. KAMP TA’ APPLIKAZZJONI TERRITORJALI

Is-sorveljanza trid tiġi implimentata fl-Istati Membri kollha”;

- (c) l-intestatura tat-Taqsima 2 hija sostitwita b’dan li ġej:

“Taqsima 2

Objettivi għas-Sorveljanza”;

- (d) It-Taqsima 10 li ġejja tiżdied wara t-Taqsima 9:

“Taqsima 10

Sorveljanza fl-ispeċijiet li mhumiex elenkati għall-HPAI

Is-sorveljanza tal-HPAI trid tinkludi attivitajiet ta’ sorveljanza fl-animali miżmuma u selvaġġi ta’ speċijiet mhux elenkati meta s-sitwazzjoni epidemjoloġika tindika li dawk l-ispeċijiet jistgħu jikkostitwixxu riskju għas-saħħa tal-animali u tal-bniedem.”;

2. fl-Anness V, fil-Parti IV, fit-Taqsima 2, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“2. B’deroga mill-paragrafu 1, l-istat ta’ ħelsien mill-infezzjoni bl-NDV mingħajr tilqim mogħti lil Stat Membru jew lil żona jista’ jinżamm fil-każ ta’ konferma ta’ tifqigħat tal-infezzjoni bl-NDV jekk:

- (a) l-awtorità kompetenti tkun innotifikat biss għadd limitat ta’ tifqigħat primarji matul sena kalendarja;
- (b) l-awtorità kompetenti tkun ikkonkludiet li kien hemm biss numru limitat ta’ tifqigħat sekondarji marbuta epidemjoloġikament ma’ kull tifqigħa primarja; u
- (c) il-miżuri għall-kontroll tal-mard ġew applikati għal durata mhux itwal minn 3 xhur għal kull tifqigħa primarja u tifqigħat sekondarji relatati.”.